MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2003

Appell Kriminali Numru. 279/2002

Appell Nru. 279/2002

Il-Pulizija
(Spettur P. Bond)
Vs
Emanuel Sammut

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dan l-ahhar xahar bi dritt li jippretendi li ghandu, cahhad lil Daniela Sammut milli tidhol fid-dar matrimonjali taghhom u cioe' "Il-Warda", Triq il-Midbah, Mosta, meta biddel is-serratura ta' l-istess fond.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta' Novembru, 2002, li biha

wara rat l-artikoli 85 u 377(3) tal-Kap 9 sabet lill-imputat Emanuel Sammut hati ta' l-akkuza kif dedotta w kkundannatu ghal multa ta' tletin lira Maltin (LM30) u ordnatlu jaghti c-cavetta tad-dar lil martu fi zmien gimghatejn, altrimenti jehel penali ta' ammenda ta' LM2 kuljum.

Rat ir-rikors tal-appellant tat-13 ta' Novembru, 2002 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Rat id-Digriet tal-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Novembru, 2002 .

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant minnu pprezentat fid-19 ta' Novembru, 2002 li bih talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka l-istess sentenza w tilliberah minn kull htija w piena.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Jannar, 2003 li bih Dr. Anthony Barbara ghall-Prosekuzzjoni eccepixxa preliminarjament in-nullita' tar-rikors tal-appell in vista tal-fatt li ma ntalbitx is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza kif u meta suppost .

Semghet it-trattazzjoni dwar din l-eccezzjoni fil-kors tal-istess seduta , meta l-kawza giet differita ghall-provvediment u /jew kontinwazzjoni ghas-seduta tal-lum ;

Ikkonsidrat ;

Illi mhux kontestat li fid-data tas-sentenza ma ntalbitx is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza tal-Ewwel Qorti mill-appellant ghal xi raguni li jafha hu w dan kif normalment isir . Mid-dehra l-appellant kellu ripensament u kien biss l-ghada li permezz ta' rikors (jekk tista' ssejjahlu hekk) iddikjara li kien behsiebu jappella, bla pero' ma talab is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza biex ikun jista' jappella. Dan ir-rikors BLA TALBA gie degretat dak in-nhar stess kif ser jintqal aktar ' l quddiem f'dis-sentenza .

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali “Il-Pulizija vs. Mario Mifsud” (5.5.1994) :-

***“Kwantu ghall-pregudizzjali tan-nullita’ u irritwalita’ tal-appell minhabba il-mankanza tat-talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza skond l-artikolu 416 tal-Kodici Kriminali , jidher li l-gurisprudenza pparifikat tali mankanza mal-akkwiexxenza , liema akkwiexxenza hija in konflitt mall-volonta’ li wiehed jappella (ara Il-Pulizija vs. Moses Bugeja u Edward Grech, App. Krim. 28.1.94 ; Il-Pulizija vs. Frangisk Borg ,18.1.41; Vol. XXXIII.iv.391 u l-Pulizija vs. Alfred Ancilleri u John Cauchi.)”***

u aktar ‘l isfel fl-istess sentenza dik il-Qorti ziedet tghid :-

***“wahda mill-karatteristici tal-process penali fis-sistema taghna huwa , illi kif appena tinghata sentenza , hlief jekk ikun hemm previst mod iehor fl-istess sentenza jew x’imkien iehor fil-ligi, dik is-sentenza ghandha tigi esegwita immedjetament.”***

L-istess principju gie ribadit fl-appelli Kriminali : “Il-Pulizija vs. Karl Gialanze” (17.5.94.) “Il-Pulizija vs. Francis Micallef” (5.7.94) , “Il-Pulizija vs. Francis Scicluna” (20.1.95) u “l-Pulizija vs. Carmel Attard” (30.6.95) .

Illi huwa minnu li kif gie ritenut fl-ahhar sentenza fuq imsemmija l-gurisprudenza irrikonoxxiet certi eccezzjonijiet , bhal per ezempju fil-kaz ta’ nuqqas ta’ talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza fil-kaz ta’ appell limitat ghall-piena ta’ prigunerija sospiza [App. Krim. “Pul. vs. M. Mifsud” fuq citata] ; fil-kaz fejn si trattava ta’ l-applikazzjoni tal-artikolu 9 tal-Kap.152 [ App. Krim. Il-Pulizija vs. Joseph Farrugia 7.10.1994] ; fil-kaz fejn l-appellant kien b’ xi mod impedut milli jaghmel it-talba [ App. Krim. La Polizia vs. Pietro Laus et., 17.5.1924] jew fil-kaz fejn ikun hemm zball jew nuqqas da parti tal-Ewwel Qorti jew xi ufficjal taghha , fis-sens li t-talba tkun saret u din ma tkunx giet registrata [ App. Krim . Pul. vs. Karl Gialanze ,17.5.1994 u Pul. vs. Francis

Scicluna 21.2.1995] . Izda ebda wahda minn dawn ic-cirkostanzi eccezzjonali ma jikkonfiguraw fil-kaz in ezami u kif irriteniet din il-Qorti fl-appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Carmel Attard" fuq citata , il-piena tal-multa hija applikabbli u esegwibbli minnufieh u l-fatt li l-appellant ma jkunx ghadu hallasha "ma jbiddel xejn ghal dak li jirrigwarda l-inappellabilita' tas-sentenza ossia l-irritwalita' tar-rikors tal-appell , peress li kif inhu maghruf , anki meta ma jinghatax zmien ghall-hlas , il-burokrazija tal-amministrazzjoni tal-Qorti tiehu granet, gimghat u xi kulltant xhur biex il-multi jingabru" .

Illi umbaghad din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza Taghha fil-kawza " Il-Pulizija vs. George Cefai" [23.4.1997] dahlet "funditus" fil-kwistjoni ta' meta ma tkunx intalbet is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza , kif gara f'dan il-kaz u meta din tintalab wara xi granet , izda entro t-terminu tal-appell . Dik il-Qorti fis-sentenza citata kienet irriferiet ghall-artikolu 665 tal-Kodici Kriminali li jghid testwalment li :-

***"Bla hsara tad-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 28A (li jirrigwardaw sentenzi ta' prgunerija sospizi ) w d-dispozizzjonijiet ta' dan il-Kodici dwar il-hlas ta' pieni ta' flus, KULL DECIZJONI GHANDHA TIGI ESEGWITA MINNUFIEH LI TINGHATA." (Emfasi ta' din il-Qorti)***

Umbaghad irriferiet ukoll ghall-artikolu 416 (1) tal-istess Kodici li jghid testwalment li :-

***"persuna misjuba hatja ...tista' , meta tiddikjara imqar bil-fomm, li trid tappella mis- sentenza, taqla mill-qorti nferjuri t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza ...."***

Dik il-Qorti kienet validament argumentat li dawn iz-zewg dispozizzjonijiet moqrijin flimkien , necessarjament ifissru li biex it-talba ghas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza tkun tista' tigi milqugha , jehtieg li tigi maghmula mmedjetament kif tkun giet moghtija s-sentenza u b'dan il-mod biss tista tigi evitata l-esekuzzjoni mmedjata tas-sentenza skond l-artikolu 665 citat . Dik il-Qorti umbaghad

marret oltre w ddijarat ukoll li it-talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza maghmula wara s-sentenza ma setghetx tigi akkolta bil-ligi , ghax sadattant is-sentenza suppost li kienet gja giet esegwita w li meta l-Ewwel Qorti kienet laqghet it-talba maghmula tardivament ma kienetx kompetenti li tilqaghha w ziedet tghid :-

***“Di fatti wara li s-sentenza tkun giet in esekuzzjoni l-Qorti ma jkollha ebda setgha fuq dik l-esekuzzjoni , hlief li tiddisponi dwar il-mod tal-hlas tal-pieni pekunjarji. Ghalhekk l-akkoljiment mill-Ewwel Qorti tat-talba ta’ l-appellant ghas-sospensjoni ta’ l-esekuzzjoni tas-sentenza appellata , kien null u bla effett fil-ligi . Bhala konsegwenza l-esekuzzjoni ta’ dik is-sentenza ma setghetx tigi sospiza , b‘mod allura li l-appellant ma setax jappella.”***

Illi din il-Qorti kif preseduta segwiet din il-gurisprudenza fl-Appell Kriminali “Il-Pulizija vs. Victor Vella” [6.1.2003] u qablet ma dan ir-ragunament u irritjeniet li bil-fatt li l-appellant , ma deherlux li kellu jiddikjara li jrid jappella , mmedjetament wara li inghatat is-sentenza , kien wassal biex kien inghata bidu effettiv ghall-esekuzzjoni tas-sentenza .

Illi pero’ fil-kaz in ezami hemm mankanza serja ohra li trid tigi indirizzata . Mill-qari tar-rikors tal-appellant pprezentat quddiem l-Ewwel Qorti l-ghada tas-sentenza appellata u cioe‘ fit-13 ta‘ Novembru, 2002 , tohrog biss dikjarazzjoni tal-intenzjoni tieghu li behsiebu jappella w din ma hix akkompanjata minn xi talba kwalsiasi w , inqas u inqas, talba biex tigi sospiza l-esekuzzjoni tas-sentenza . Di fatt dan l-att jghid telegrafikament hekk :-

***“Rikors ta’ Emmanuel Sammut.***
***“Jesponi bir-rispett :-***
***“Illi huwa jixtieq li jinterponi appell mis-sentenza moghtija minn din il-Qorti fis- seduta tat-12 ta’ Novembru, 2002 stante illi huwa ma kienx dahhal in-nota tal-appell fil-mument li inghatat is-sentenza.”***

Inspjegabbilment , l-Ewwel Qorti , xorta wahda ddegretat : "Tilqa' t-talba" , meta talba "ut sic" ma kienx hemm quddiemha . Ghalhekk apparti li kif gie fuq ritenut l-Ewwel Qorti f'dak l-istadju kienet prekluza milli takkolji xi talba simili , fil-fatt addirittura spiccat akkoljiet talba non-ezistenti , fatt dan li jirrendi tali digriet null u bla effett , indipendentement mill-fatt jekk dik il-Qorti kienx ghad ghandha kompetenza li tiddegreta dwar talba simili , kieku saret, jew le.

Illi huwa minnu li l-ligi fl-artikolu 416 (1) tal-Kap.9 ma ssemmiex espressament u "in so many words" li trid issir talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza u tghid biss :

***"...meta tiddikjara imqar bil-fomm , li trid tappella mis-sentenza*** "

imma imbaghad minnufieh wara tkompli bil-kliem : "TAQLA (emfasi ta' din il-Qorti ) mill-Qorti inferjuri it-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza , kemm il-darba taghti garanzija tajba ..." Dan il-kliem jirrendi ovvju li mhux biss mera dikjarazzjoni hemm bzonn issir tal-intenzjoni tal-appell imma addirittura talba , sija pure anki bil-fomm , biex TAQLA mill-Qorti s-sospensjoni imsemmija. Issa hu assjomatiku li biex taqla xi haga mill-Qorti l-ewwel trid titlobha. Ebda Qorti ma takkorda xejn jekk ma tigix mitluba biex taghmel dan u f'dan il-kaz hu intiz li trid issir talba , anki bil-fomm , kif isir dejjem seduta stante , biex tigi sospiza l-esekuzzjoni tas-sentenza . Hekk umbaghad il-formola sterjotipata w stampata tat-talba w digriet li tintuza dejjem u invarjabbilment quddiem il-Qorti tal-Magistrati hija s-segwenti :-

***"L-imputat jitlob is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza ghall-fini tal-appell.***
***Il-Qorti,***
***Tilqa t-talba taht garanzija personali ta' LM..."***

Illi talba simili ma tirrizultax li saret la bil-fomm fil-hin li inghatat is-sentenza u lanqas fir-rikors li sar l-ghada . Tali

talba trid issir b'mod car u espress u ma tistax tigi sottintiza .

Illi inoltre lanqas ma gie rispettat il-vot tal-ligi taht l-artikolu 416 (1) tal-Kap.9 li jghid li biex il-persuna li ma tkunx taht arrest ghar-reat li tieghu tkun giet misjuba hatja u li tkun iddikjarat li trid tappella , taqla' s-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza , trid "taghti garanzija tajba, skond is-subartikolu (1) tal-artikolu 577,li tidher ghal kull att tal-kawza quddiem il-Qorti superjuri kull darba li tigi imsejjha minn din il-Qorti . ." Imma anki hawn ma sar xejn minn dan ghax l-Ewwel Qorti fid-digriet taghha tat-13 ta' Novembru, 2002 ma pprovvdiet ghall-ebda garanzija u l-appellant ovvjament u kif jirrizulta mill-atti processwali ma ta' ebda garanzija simili u ghalhekk ma giex osservat il-kliem tal-ligi "kemm il-darba taghti garanzija tajba" li tidher li hi kondizzjoni 'sine qua non' biex il-persuna taqla' mill-Qorti s-sospenmsjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza li tkun talbet.

Illi ghalhekk fil-kaz in ezami , la ma giex osservat dak li hemm provvdut fl-artikolu 416 (1) tal-Kodici Kriminali fid-diversi aspetti tieghu ma jistax jinghid li l-esekuzzjoni tas-sentenza giet sospiza w ghalhekk dan legalment jimporta l-akkwiexxenza .

Ghal dawn l-motivi u fid-dawl ta' din l-interpretazzjoni tal-pozizzjoni guridika moghtija minn din il-Qorti kemm diversament preseduta kif ukoll kif issa preseduta, din il-Qorti tilqa' l-pregudizzjali sollevata mill-Avukat Generali w tiddikjara l-appell irritwali w null u konsegwentement tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

--------------------------------TMIEM--------------------------------